MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 291/2010

Kawza fil-lista: 44

**A B**
**vs**
**D sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-partijiet izzewwgu fl-1 Lulju 1995; li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta’ l-attrici fit-termini tal-paragrafu [h], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li dan iz-zwieg huwa null fil-ligi; u ghalhekk l-attrici qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut cahad dak imputat lilu, filwaqt li ddikjara l-qbil tieghu li z-zwieg huwa null tort ta' l-attrici fit-termini tal-paragrafu [h] fuq citat;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni guramentata fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-1 ta' Lulju 1995 huwa null fil-ligi fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Lulju 1995 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa hames snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, fl-24 ta' April 1997 u fil-21 ta' Novembru 2003. Wara konvivenza ta' tnax-il sena l-partijiet isseparaw de facto. Illum z-zewg partijiet ghandhom relazzjoni extra-matrimonjali.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li hi kienet bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha 15-il sena, u dan kien l-uniku ragel f' hajjitha. Matul dan il-perijodu hija esperjenzjat pressjoni u sikkatura zejda da parti ta' ommha, u li d-decizjoni taz-zwieg kienet motivata mill-hsieb li din titlaq mid-dar tal-ġenituri taghha u takkwista l-liberta'.

Sa miz-zmien ta' l-gherusija kien jidher li z-zewg partijiet kellhom karattru differenti u kienu jiggieldu hafna. Wara z-zwieg il-konvenut kien jaghmel sieghat twal fuq il-kompjuter wara li kien jigi mix-xoghol. Tghid li ghalhekk ma kienux jikkomunikaw ma' xulxin, u di piu' il-konvenut kien jippreferi joqghod fuq il-komputer milli johrog maghha.

Tghid li ma kienx jaghti kazaha, bir-rizultat li fiz-zmien sena wara z-zwieg hija kienet attratta minn ragel iehor li kien jghaddilha l-kumplimenti u hi kienet taccettahom. Izda din il-problema kienet giet solvuta u l-partijiet kellhom tarbija wara circa sentejn miz-zwieg.

Tghid li huma kienu jiggieldu hafna, partikolarment fuq il-flus, u li kien hemm certu bruda da parti tan-naha tieghu ghar-relazzjonijiet intimi, bir-rizutla li anke hi bdiet tkun riluttanti. Tghid li l-att taz-zwieg mal-konvenut ma kienx jissodisfaha, u kien "ta' kaff kaff". Izda b' dana kollu huma kien iddecidew li jkollhom tarbija ohra, u fil-21 Novembru 2003 twieled it-tieni wild tal-partjiet.

F' dan il-perijodu l-attrici bdiet tinnota certu kambjament fil-komportament tal-konvenut, fejn tidhol igene personali u anke stil ta' hwejjeg, u eventwalment irrizulta li dan kien qed jittratjeni relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ohra, u li kompliet wara s-separazzjoni.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jikkonferma li matul il-perijodu tan-namur il-partijiet kellhom hafna sikkatura minn omm-l attrici, u eventwalment pressjoni zejda sabiex dawn jizzewwgu. Huma ghalhekk izzewwgu, minkejja li kienu jiggieldu ta' spiss, u li kien manifest li huma ghandhom karattri differenti u nkompatibbli.

Wara z-zwieg il-hajja matrimonjali bdiet tirriskontra problemi mill-bidu nett, partikolarment meta l-attrici fl-ewwel xhur ta' zwieg dahlet f' relazzjoni extra-matrimonjali ta' guvni ta' 18-il sena li kien jahdem maghha. F' dan il-perijodu huwa kien jinnota li l-attrici kienet riluttanti li taghmel l-att konjugali mieghu u kienet iggib diversi skuzi biex il-konvenut, allura zewgha ma kollux x' jaqsam magha.

F' dan il-perijodu wkoll, jigifieri matul l-ewwel sena ta'zwieg, l-attrici kienet tohrog hafna waheda, filwaqt li hu kien jiffoka fuq ix-xoghol tieghu u fuq l-istudji tieghu. Okkazzjoni minnhom l-attrici, kienet ghamlet erbat-ijiem

ma' torqodx fid-dar konjugali biex tikkontempla fuq is-sitwazzjoni matrimonjali taghhom, u sabiex tiddecidi jekk tibqax fiz-zwieg.

Illi wara li l-konvenut skopra li martu kellha relazzjoni ma' ragel iehor, kien inqala' hafna nkwiet bejn il-partijiet, izda l-genituri taghha kienu pperswadewh sabiex jipprova jsalva z-zwieg. Jidher li l-affarijiet kienu kkwietaw xi ftit, u kellhom wild fis-sena 1997.

Izda dak li kien qed idejjeq lill-partijiet fiz-zwieg baqa', u ghalkemm fis-sena 2003 twieled it-tieni wild tal-partijiet, ippjanat bi hsieb li jipprovaw jibqghu flimkien, dan ma kellhux l-effett desiderat, ghax il-konvenut kien dahal f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ohra, u eventwalment isseparaw de facto.

In fine l-konvenut jammetti li hu ma kellhux karezzi fil-konfront ta' l-attrici, u fi kliemu "jiena ghaliha mhux karezzi, fatti".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li fis-sustanza l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-partijiet tinsab konfortata mix-xhieda.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom il-partijiet ma fehmux u gharrfux l-import tal-hajja konjugali.

Dan huwa manifest mill-fatt li, nonostante li huma kienu jiggieldu ta' spiss fil-perijodu tan-namur, u minkejja li f' dak iz-zmien kien car li l-konvivenza ta' bejniethom kienet ser tkun difficli hafna huma ghaddstew rashom u baghu sejrin fit-triq taz-zwieg. Din il-kostatazzjoni tirrizulta aktar cara fid-dawl tal-fatt li l-attrici kienet ta' eta' zghira meta zzewwget, u wkoll tenut kont ta' l-influwenza ndebita da parti ta' ommha fuq ir-relazzjoni pre-nuzjali taghhom.

Minn naha attrici jirrizulta manifest li din ma apprezzatx l-import tal-konvivenza u hajja konjugali mal-konvenut,

filwaqt li dan ukoll fil-komportament tieghu anke matul iz-zwieg wera li hu ma fehemx is-sinifikat tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, bir-rizutlat li fiz-zwieg hu kien aktar mohhu fix-xoghol tieghu u fl-istudju tieghu, a skapitu tar-relazzjoni matrimonjali ma’ l-attrici. Fil-fehema tal-Qorti, dan wassal sabiex l-attrici tidhol f’ relazzjoni extra-konjugali ftit taz-zmien wara z-zwieg, liema fatt baqa’ jimmina r-relazzjoni matrimonjali, minkejja l-isforzi tal-partijiet, sakemm fl-ahhar il-konvenut stess dahal f’ relazzjoni extra-matrimonjali fiz-zmien it-tieni tqala.

In fine jinghad li l-fatt li l-partijiet iddecidew li jkollhom tfal fiz-zwieg meta dawn kienu konxji hafna li l-pedament ta’ dan iz-zwieg kien daghajjef, u baqa’ jiddghajjef biz-zmien, juri grad qawwi ta’ mmaturita’ da parti taz-zewg partijet.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tisddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta’ Lulju 1995.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------